MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 609/2006

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Nike International Limited.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Doreen Aquilina li b'digriet tas-17 ta' Awissu 2006 gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Abdam Import-ET-D 89 Rue 81 Jamila4 Casablanca Morocco.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Nike

International Limited datat 5 ta' Lulju 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi s-socjeta' Nike International Limited ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE" u l-markju distintiv maghruf bhala "Swoosh Design", liema markji huma wzati minn din is-socjeta' fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B","C" u "D";

2. Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' propjeta' industrijali tal-istess markji "NIKE" u "Swoosh Design" fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 17123 (kif muri f'Dok. "A"), u *Trademark No*. 17125 (kif muri f'Dok. "B"), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "Swoosh Design" u dan kollu *ai termini* tal-**Artiklu 2** tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-**KAP 414** tal-Ligijiet ta' Malta, liema markju "Swoosh Design" huwa wkoll irregistrat bhal *Trademark* Komunitarja ma' l-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 000277632 ("Swoosh Design" – "outline form") (kif muri f'Dok. "C") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" – "solid form") (kif muri f'Dok. "D");

3. Illi jirrizulta illi fit-13 ta' Gunju 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM CHOPIN", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi li jgibu l-markju "NIKE" u l-markju distintiv "Swoosh Design" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'elf, mitejn u erbghin (1240) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, u fi tlett mitt (300) par fi zraben sportivi, b'*Container* Numru CLHU8725660 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-KAP. 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru GZ2138566 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala Abdam Import-ET-D 89 Rue 81 Jamila4 Casablanca Morocco, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Tianjin Ameda International Trade Co., Ltd.;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artiklu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favur taghha huma rregistrati l-markju "NIKE" u l-markju distintiv maghruf bhala "Swoosh Design", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artiklu 2(1) (b) tal-istess Kap. 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artikolu 2(1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta' intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta' estera Nike Italy SRL ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "E");

7. Illi din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP.414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "H");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-Artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta' l-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja" jistipula illi ghal-finijiet ta' l-Artikolu 91 tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent *nomine* jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi, li tikkonsisti f'elf, mitejn u erbghin (1240) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, u fi tlett mitt (300) par fi zraben sportivi, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta'

rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 ("Swoosh Design" – "*outline form*") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" – "*solid form*") registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-

termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti bid-dokumenti annessi li jikkonsistu f' Dok. "A": Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta ghal *Trademark No*. 17123: Dok. "B": Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali mir-Registru tal-Markji ta' Malta ghal *Trademark No.* 17125. Dok. "C": Estratt informali mahrug mir-registru elettroniku (CTM-Online) tal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja ghat-*Trademark* Komunitarja Numru 000277632 (tal-Markju "Swoosh Design" – "*outline form*"). Dok. "D": Estratt informali mahrug mir-registru elettroniku (CTM-Online) tal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja ghat-*Trademark* Komunitarja Numru 000277517 (tal-Markju "Swoosh Design" – "*solid form*"). Dok. "E": Kopja tar-rapport tal-analizi mahrug minn Elena Pigozzi bhala *Brand Protection Manager* tas-socjeta' estera Nike Italy SRL ghas-socjeta' rikorrenti. Dok. "F": Certifikati tar-registrazzjoni tas-socjeta' estera Nike International Ltd. Dok. "G": Kopja ta' prokura specjali mahruga mis-socjeta' rikorrenti favur membri tal-ufficju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom ir-rikorrent *nomine*, biex jinhatru prokuraturi specjali. Dok "H": Kopja tal-applikazzjoni bil-miktub tas-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setghet tigi maqbuda mill-istess Kontrollur skond it-termini tal-KAP. 414, kollox kif jidher minn fol. 9 sa fol 28 tal-process.

Rat li l-kuraturi deputati gew notifikati kemm bir-rikors u kif ukoll bin-noti u d-dokumenti li gew ipprezentati fil-mori.

Rat ir-rikors tal-Avukati Dr. David Tonna *nomine* datat 5 ta’ Lulju 2006 a fol. 35 tal-process fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ intimata Abdam Import-ET-D 89 Rue 81 Jamila4 Casablanca Morocco, fl-atti tar-Rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` *CMA Compagnie Maritime d’Affretement.* Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Goeffrey Valenzia rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fis-17 ta’ Awissu 2006 kif jidher a fol. 36 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta fl-4 ta’ Settembru 2006 ghas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2007 b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Doreen Aquilina datata 29 ta’ Settembru 2006 a fol. 40 tal-process fejn iddikjaraw:-

1. Illi f’dan l-istadju ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta` assenti minnhom rapprezentata.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi deputati a fol. 40 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrenti Dr. David Tonna *nomine* datata 10 ta' Ottubru 2006 a fol. 42 tal-process li biha esebixxa prospett (Dok. "DT 2") li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta' l-ispejjes li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors Guramentat flimkien mal-prospett qed jigu annessi tliet dokumenti mmarkati Dok. "PR1" sa "PR3".

Rat in-nota tar-rikorrenti Dr. David Tonna *nomine* datat 10 ta' Ottubru 2006 a fol. 48 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (immarkat bhala Dok. "GA1"), kif ukoll il-kopja originali tar-rapport ta' l-analizi mahrug minn Elena Pigozzi (ara Dok. "E" mar-rikors guramentat) bhala *Brand Protection Manager* tas-socjeta` estera Nike Italy SRL ghas-socjeta` rikorrenti (immarkat bhala Dok. "DT1").

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Antoine Camilleri ghall-attur *nomine* Dr. Anthony Cutajar issejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2007. Aktar tard deher Dr. Cutajar li nforma lill-Qorti li ma rnexxielux jikkomunika ma' l-assenti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta` rikorrenti Nike International Limited kif hawn raprezentata f'dawn il-proceduri hija detentrici tad-dritt ta' propjeta` ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE" u l-markju distintiv maghruf bhala "Swoosh Design" fil-komplessita` taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 17123 (kif muri f'Dok "A") u *Trademark No.* 17125 (kif muri f'Dok "B"), kif ukoll minhabba l-fatt illi socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet ta'

l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “NIKE” u dan kollu *ai termini* ta’ l-**artikolu 2 ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, liema markju “NIKE” huwa wkoll irregistrat bhal *Trademark* Komunitarja ma’ l-‘*Office for Harmonization in the Internal Market’* ta’ l-Unjoni Ewropea (ibbazata f’Alicante, Spanja) taht Numru 000056960 (kif muri f’Dok “C”) u Numru 000057042 (kif muri f’Dok “D”); u din qed tallega li fit-13 ta’ Gunju 2006 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM CHOPIN”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi li jgibu l-markju “NIKE” u l-markju distintiv “Swoosh Design” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’ elf, mitejn u erbghin (1,240) bicca, f’abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u fi tliet mitt (300) par fi zraben sportivi, b’*Container* Numru CLHU 8725660 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni ta’ l-**artikolu 4 tal-Kap. 414**; u li mill-Polza ta’ Karigu Numru GZ2138566 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-abbiljament tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala Adam Import-ET-D 89 Rue 81 Jamila4 Casablanca Morocco, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Tianjin Ameda International Trade Co. Ltd; u b’hekk qed tallega li d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghall-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ l-istess oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta’ intelletwali huwa projbit skond l-**artikolu 4 ta’ l-istess Kap 414** tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-istess socjeta’ rikorrenti tallega wkoll li dawn l-oggetti hekk indikati u in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-Kap 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markju “NIKE” u l-markju distintiv maghruf bhala “Swoosh Design” u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (b)** ta’ l-istess **Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003** li jirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana

kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta` intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinsabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta' estera Nike Italy SRL ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport ta' l-analizi mmarkat bhala Dok. "E"); u li din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap 414** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "H"); u ghalhekk talbet li l-istess oggetti hekk indikati jigu ddikjarati bhala oggetti foloz u li gew mdahhla b'piraterja bi ksur ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414;** tiddikjara li d-dhul Malta ta' l-istess oggetti hawn identifikati jikkontravjeni d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti abbazi ta' l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldqastant vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design"; u wkoll li d-dhul Malta ta' l-istess tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 ("Swoosh Design" – u *outline form*) u Numru 000277517 ("Swoosh Design" – *solid form*") registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "NIKE"; u b'hekk tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti tiddistruggi l-istess abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u

zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata estera abbazi ta' l-**artikolu 8 tal-Kap 414;** u tordna li jittiehed kull rimedju iehor skond l-istess **Kap 414** u/jew **ir-Regolamenti tal-Kunsill (ER) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** kontra s-socjeta' rikorrenti u fl-ahharnett sabiex tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna tad-distruzzjoni tal-abbiljament tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414**;

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006) u ohrajn u fil-fatt jidher li l-allegazzjonijiet attrici jidhru li gew kollha kkonfermati kemm permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti u wkoll mill-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 6 ta' Ottubru 2006, li kkonferma li l-istess konsenja hawn identifikata instabet fl-14 ta' Gunju 2006 u li kienet tikkonsisti fi hwejjeg sportivi u z-zraben sportivi b'marka suspettuza u kontrafatta u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' attrici u b'hekk l-istess socjeta' attrici giet debitament informata li nstabu l-ammonti kollha ta' oggetti indikati fl-istess affidavit u fir-rikors guramentat tas-soceta' attrici u fl-affidavit ta' Elena Pigozzi u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati fil-grad rikjest mill-ligi; fil-fatt l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontestati, b'dan li l-ewwel erba' talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u fil-waqt li fir-rigward tas-sitt talba attrici jirreferi ghad-dokumenti Dok. "DT 2" u Dok. "PR 1" sa Dok. "PR 3" u dokumenti esebiti man-nota tal-10 ta' Ottubru 2006 u tiffissa l-ammont ta' spejjez fis-somma ta' tmien mija u wiehed u tmenin liri Maltin u tliet centezmi (Lm881.03).

Illi dwar il-hames talba attrici din il-Qorti thoss li ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li fil-kaz in ezami ma hemmx bzonnha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba tar-rikorrenti, tilqa' t-talbiet l-ohra tas-socjeta` rikorrenti attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljazzjoni tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u oggetti mdahhla b'piraterija u dan skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414;**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi li tikkonsisti f'elf, mitejn u erbghin (1240) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, u fi tliet mija (300) par fi zraben sportivi tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwistjoni li ma humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (**Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldaqstant bi vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "NIKE";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti ta' hwejjeg sportivi u zraben sportivi

tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 u Numru 000277517 registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "NIKE";

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi ta' l-ewwel talba, it-tieni u tielet talba sabiex fi zmien ta' ghoxrin (20) gurnata tax-xoghol mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi u zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u kollox ghas-spejjes tas-socjeta` intimata skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in kwantu din il-Qorti intalbet tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, u dan *stante* li fic-cirkostanzi tal-kaz ma hemmx bzonn tali talba.

6. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u tmenin liri Maltin u tliet centezmi (Lm881.03) bhala spejjes in konnessjoni mat-trasport, mal-hazna tad-distruzzjoni tal-oggetti u hwejjeg in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414** kollox kif fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------